# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 20**

**Citaz. numru: 2491/99 M1 NA**

**Denise Scuderi nee' Vella**

**vs**

**Giuseppe Scuderi**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-15 ta' Novembru 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu bir-Registru fis-27 ta' Gunju 1998 (Dokument "A") u minn dan iz-zwieg ma hemmx proli;

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett ghal diversi ragunijiet u senjatament ghaliex il-kunsens ta' l-attrici kien gie ottjenut bi vjolenza morali u biza', ghax il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat bi zball dwar l-identita' tal-konvenut;  ghax il-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat minhabba qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li minn natura taghha setghet serjament tharbat il-hajja matrimonjali, ghax il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-hajja mizzewga, jew dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li kienet taghmilha impossibbli ghall-konvenut li jwettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg, ghax il-partijiet issuggettaw il-kunsens taghhom ghall-kondizzjoni futura, ghax il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja matrimonjali jew ghad-dritt ta' l-att konjugali, u ghax il-konvenut, ghalkemm mhux interdett jew marid mentalment, ma kellux meta kkuntratta dan iz-zwieg, anki minhabba xi kawza transianti, poter ta' intellat jew volonta' biex jaghti l-kunsens matrimonjali skond l-Art. 19 (1) (a), (b), (c), (d), (f), (g) u (h) tal-Kap. 255, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

TALBET li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fir-Registru fis-27 ta’ Gunju 1998 huwa null u bla effett, ghar-ragunijiet fuq indikati jew dawk minnhom li jirrizultaw pruvati quddiem din il-Qorti;

2. tikkundanna lill-konvenut li ghall-perjodu ta’ hames snin mill-pronunzjament ta’ l-annullament jivversa lill-martu dawk l-alimenti li jistghu jkunu dovuti skond il-ligi, Art. 19 (A) (5) tal-Kap. 255.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li jibqa’ ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esibiti.

Il-konvenut debitament notifikat ma ghamilx Nota ta' l-Eccezzjonijiet u, imsejjah, ma deherx ghas-seduti quddiem il-Qorti tat-22 ta' Mejju u 15 ta' Novembru 2000 u f'dik tat-22 ta' Jannar 2001. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2000 xehdu Charles u Mary Doris Vella, missier u omm l-attrici, filwaqt illi fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2001 xehdet l-attrici li ddikjarat li

ma kellhiex aktar provi. Id-difensur tal-konvenut talbet u gie lilha koncess biex huwa jaghmel nota ta' difiza a tenur ta' l-Artikolu 158 (10) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din in-nota saret fil-21 ta' Frar 2001 bin-nota responsiva ta' l-attrici ssir fit-13 ta' Marzu 2001.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-Qorti jidhrilha illi ghandha tikkummenta dwar in-nota ta' sottomissjonijiet maghmulha in difiza w in-nota responsiva li saret ghal din in-nota u dan ghal dak li jirrigwarda dak li ghandu jkun jew ma jkunx permess li ghandhom jikkontjenu dawn in-noti maghmulin, kif inghad, a tenur ta' l-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Qabel kollox jigi rilevat illi din in-nota ssir minn konvenut kontumaci. Huwa ovvju illi dan il-konvenut ma jistax jitqieghed fi stat ahjar minn dak li jkun fih konvenut li jkun segwa l-ligi w it-twissija fuq ic-citazzjoni u li jkun pprezenta n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu. Mhuwiex rikjest li din in-nota tkun igguramentata u ma hijiex soggetta ghall-kontro-ezami tal-kontro-parti u ghalhekk jidher car illi l-konvenut kontumaci ma jistax jinqeda b'din in-nota biex iressaq provi u jaghmel

allegazzjonijiet li, fl-istat ta' kontumaci tieghu, ma huwiex permess li jaghmel.  Mill-banda l-ohra jista' u ghandu jaghmel sottomissjonijiet ta' natura legali li fosthom jista' jkun hemm ukoll allegazzjoni li mill-provi prodotti mill-attrici punt ta' fatt partikolari ma giex ippruvat kif rikjest mil-ligi.  Kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem f'din is-sentenza b'riferenza ghan-noti in ezami n-nota ta' difiza tal-konvenut tikkontjeni sew allegazzjonijiet li ma jistghux jitqiesu bhala prova sew, pero', osservazzjonijiet ta' dritt u stqarrijiet li l-attrici ma gabitx provi sufficjenti dwar certi fatti minnha allegati.  Huwa ovvju illi dawk ta' l-ewwel sejrin jigu injorati fil-waqt l-ohrajn gustament ikkonsidrati.

Ikkunsidrat:-

Dwar l-ewwel talba attrici hija tibbaza t-talba ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg partikolarment fuq is-sub-incizi (c), (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta (minkejja illi korrettement isostni l-konvenut fin-nota tieghu illi fil-premessi citattivi kwazi s-sub-incizi kollha ta' l-Artikolu 19 (1) huma menzjonati).

L-allegazzjoni taghha fir-rigward tas-sub-inciz (f) hija li l-unika raguni l-ghala sar iz-zwieg civili, meta hija xtaqet zwieg religjuz, kien biex ikun jista' jsir l-akkwist tad-dar in kwistjoni li kienet intiza bhala d-dar matrimonjali u b'hekk il-konjugi jhallsu anqas bolol milli kieku d-dar inxtrat qabel iz-zwieg u dan minhabba n-nazzjonalita' Taljana tal-konvenut. Huwa minnu illi l-kuntratt ta' l-akkwist sar biss ftit jiem wara c-celebrazzjoni tat-tieg. Dana pero' fih innifsu anke jekk verament iz-zwieg gie anticipat ghal din ir-raguni ma ghandux, per se, iwassal ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg u, korrettement isostni l-konvenut, l-attrici f'dan ir-rigward ma gabitx provi illi huma sodisfacenti.

Il-konvenut jammetti illi l-kunsens tieghu seta' kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li ghandu jwassal ghan-nullita' taz-zwieg taht is-sub-inciz (d) ta' l-Artikolu 19 (1). Isostni pero' illi l-kunsens ta' l-attrici kien affettat ukoll bl-istess vizzju. Dan apparti pero' l-Qorti thoss illi f'dan ir-rigward ukoll l-attrici ma gabitx provi sufficjenti sew fil-konfront tal-kunsens taghha sew ta' dak tal-konvenut.

Fadal ghalhekk biex jigi ezaminat in-nullita' ta' dan iz-zwieg fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici s-sub-inciz (f) ta' l-Artikolu 19 (1). L-attrici ssostni u f'dan hija kkonfortata bix-xhieda ta' missierha u ta' ommha illi assolutament ma kellhiex konoxxenza tal-fatt illi l-konvenut kien ibati bil-vizzju tad-droga u li skopriet dan biss wara c-cerimonja civili meta marru btala Sqallija ghand il-genituri tieghu u spicca li kellu jittiehed id-Detox f'dak il-pajjiz. L-attrici hija kategorika f'din l-allegazzjoni taghha. Mistoqsija mill-Qorti:

> Qorti: "*Jigifieri din il-kwistjoni kien hbiha ghal kollox minnek?*"
>
> Twiegeb Xhud: "*Da Zgur. Jiena qatt ma kont naf xejn bid-droga.*"
>
> U aktar tard fl-istess xhieda taghha wkoll wara domanda tal-Qorti twiegeb: "*Qatt ma ndunajt b'xejn.*"
>
> U finalment mistoqsija mill-Avukat taghha "Avukat: *Pero' tikkonferma li fl-ebda mument qabel iz-zwieg ma kont taf b'din il-problema?*" Twiegeb xhud: "*No, no. Jiena ghalhekk tlaqtu hu! Kieku kont naf ma kontx ser nizzewweg. Ma kontx ser nizzewgu.*"

Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita minn dawn l-asserzjonijiet ta' l-attrici partikolarment meta jaqblu mal-provi indiretti tal-kaz odjern. Mill-provi jirrizulta illi kien biss go Sqallija li din il-koppja ghexet flimkien u allura dak iddikjarat mill-attrici huwa kredibbli. Di piu' ma ngabet ebda raguni ohra

(anqas mill-konvenut fin-nota dettaljata tieghu kenitx tkun jew le ammissibbli) ghala l-attrici kellha titlaq lill-konvenut tant ftit zmien wara z-zwieg meta kienu ilhom gharajjes tlett snin u meta jidher illi din kienet l-unika raguni serja ghall-familliment ta' dan iz-zwieg.

Mill-banda tieghu l-konvenut isostni illi l-attrici kienet taf b'din il-problema tieghu anke qabel iz-zwieg u xorta zzewgitu. Huwa heba biss il-fatt mill-attrici li l-problema tieghu aggravat ruhha wara u mhux qabel iz-zwieg.  Din l-allegazzjoni tal-konvenut pero', ghar-ragunijiet fuq moghtija, mhijiex kontrollabbli u ma tista' qatt titqies bhala prova.  Dan nonostante din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi anke li kieku ammissibbli din l-allegazzjoni ma hija xejn kredibbli.  Il-partijiet marru Sqallija biss xahar u nofs wara z-zwieg.  Kif jista' jippretendi l-konvenut li l-Qorti sejra temmnu illi l-problema tieghu aggravat ruhha biss f'dan ix-xahar u nofs u li dan l-izvolgiment gie mohbi mill-attrici biss f'dan il-perjodu - proprju f'liema perjodu ghexu ghall-ewwel darba flimkien!

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti tiddikjara illi l-kunsens ta' l-attrici nkiseb mill-konvenut b'qerq dwar kwalita'

tieghu li mix-xorta taghha mhux biss setghet izda serjament fixxklet il-hajja mizzewga.

Minn dan isegwi illi l-konvenut kien responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg filwaqt illi l-attrici kienet in buona fide u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 20 (5) tal-Kapitolu 255 (u mhux 19 A (5) kif indikat mill-attrici u dan wara l-emendi tal-1995) l-istess konvenut huwa obbligat li jhallas manteniment lill-attrici ghall-perjodu ta' hames snin millum. Hawn pero' l-Qorti ma tistax tmur oltre din id-dikjarazzjoni u tasal ghal-likwidazzjoni ta' *quantum* ta' dan il-manteniment. Anke f'din il-materja japplikaw ir-regoli generali li jirregolaw il-materja ta' l-alimenti. Il-Qorti taqbel mal-konvenut illi l-attrici ma gabet ebda prova konkreta la dwar il-mezzi tal-konvenut u anqas dwar il-bzonnijiet taghha.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fir-Registru fis-27 ta' Gunju 1998 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq indikati a tenur tas-subartikolu (c) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara lill-konvenut obbligat li jhallas manteniment lill-attrici ghall-perjodu ta' hames snin millum pero', ghar-ragunijiet fuq moghtija, tastieni milli tillikwida l-istess b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu interament mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.